Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 19/2016

**Azzopardi Waterproofing Limited (appellanti)**

**Vs**

**Transport Malta (appellat)**

30 ta' Lulju, 2018.

1. Permezz ta' rikors prezentat fl-1 ta' April, 2016 quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, s-socjeta appellanti talbet lit-Tribunal sabiex jordna lill-appellata tohrog certifikat ta' registrazzjoni fir-rigward tal-*forklifter* Daewoo.

2. L-intimata tat eccezzjoni preliminari fis-sens li, *"l-azzjoni ghandha tigi dikjarata dezerta stante li qabel ma gie intavolat dan l-appell, is-socjeta rikorrenti naqset milli thallas lill-Awtorita l-ispejjez tal-appell precedenti minnha intavolat fl-istess ismijiet (Rikors numru: 23/2015CG) illi gie cedut fit-12 ta' Jannar, 2016"*.

3. B'sentenza tas-6 ta' Marzu, 2017 it-Tribunal laqa' dik l-eccezzjoni u ddikjara l-azzjoni dezerta peress li l-appellanti naqset milli thallas l-ispejjez gudizzjarji fir-rigward tar-rikors 23/2015 li kien gie cedut.

4. B'rikors prezentat fis-27 ta' Marzu, 2017 is-socjeta appellanti appellat mis-sentenza. Hi ssostni li r-rikors numru 23/2015 kienet irtiratu u fl-ebda hin ma cedietu b'mod formali. Kompliet tghid, *"11. Illi bir-rispett kollu, t-Tribunal ma setax jehodha fuqu sabiex jiddikjara bhala stat ta' fatt li hemm dezerzjoni meta l-istess esponenti ntavola nota li fiha ddikjara bl-aktar mod enfatiku li hu kien qed jiddikjara li hu qed jirtira taht kundizzjoni r-rikors originali (Rik 23/2015), minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tieghu"*. Inoltre, d-decizjoni tat-Tribunal ma haditx in konsiderazzjoni l-jedd tal-appellanti mid-dritt li ghandha skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mid-dritt li ghandha ghas-smiegh xieraq quddiem Tribunal imparzjali u indipendenti.

5. Fis-6 ta' April, 2017 l-Awtorita pprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. **<u>Fatti fil-qosor</u>**.

i. Fis-27 ta' April, 2015 l-appellanti pprezentat rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiv (23/2015). Proceduri li kienu jikkoncernaw il-forklifter oggett tal-kawza tal-lum. F'dawk il-proceduri l-ilment kien ukoll li l-appellata ma kinitx harget certifikat ta' registrazzjoni fir-rigward tal-vettura in kwistjoni. Ghalhekk talbet lit-Tribunal sabiex *"….Jordna lill-istess Awtorita' ntimata, u cioe' Transport Malta, tohrog c-certifikat tar-registrazzjoni idoneju fir-rigward tal-forklifter fuq imsemmi kif fuq spjegat u dan f'terminu li ghandu jigi stabbilit mill-istess Tribunal u taht dawk il-kundizzjonijiet li l-istess Tribunal ghandu jimponi fic-cirkostanzi"*.

ii. Fl-24 ta' Novembru, 2015 l-appellanti pprezentat nota li taqra: *"Illi permezz taghha u assolutament u bl-aktar mod enfatiku minghajr ebda pregudizzju ghal kull dritt spettanti lill-istess esponenti, qeghda tirrinunzja, dejjem taht il-caveat fuq espost, esklussivament ghar-rikors odjern fl-ismijiet premessi"*.

iii. Fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2016 it-Tribunal wara li ra n-nota tal-24 ta' Novembru, 2015 iddikjara li kien *"qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors"*.

iv. Fl-1 ta' April, 2016 l-appellanti ipprezentat ir-rikors oggett tal-proceduri tal-lum. Rikors fejn il-causa petendi u l-oggett huma l-istess.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

7. Ir-ragunament tat-Tribunal kien:

*"Illi t-Tribunal filwaqt li jaqbel li jista' jirregola l-procedura tieghu nnifsu ai fini ta' pratticita, ma jaqbilx illi m'ghandux josserva d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din l-osservanza tad-dettami tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ggib maghha certa uniformita' u certezza u b'hekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi, sa fejn applikabbli, d-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghandhom ikun osservati anke minn dan it-Tribunal.*

*Illi ladarba s-socjeta rikorrenti ghazlet li ccedi l-atti tar-rikors propost minnha bin-numru 23/2015 u regghet ipproponiet rikors iehor dwar l-istess mertu kontra l-istess intimat, hija kellha, qabel tintavola t-tieni rikors, tara li thallas l-ispejjez dovuti lill-Awtorita intimata. Tali hlas jirrizulta, anke ex admissis mis-socjeta rikorrenti, li ma sarx"*.

8. Il-qorti tibda billi tosserva li ghandha tiddeciedi l-appell a bazi tal-aggravji li pproponiet l-appellanti.

9. Skont l-artikolu 906(1) tal-Kap. 12:

*"Kull waħda mill-partijiet tista', b'nota ffirmata minnha jew mill-avukat tagħha, f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza definitiva,* ***tirrinunzja għall-atti illi hija tkun ippreżentat****"*.

10. Skont artikolu 907(1) tal-Kap. 12, rinunzja ggib l-istess effetti ta' dezerzjoni u subinċiż (2) jipprovdi:

*"Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u* ***hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra****"*.

11. Fis-sentenza **Maria Aquilina vs Francesco D'Amato** nomine tal-14 ta' Dicembru, 1955, il-Prim'Awla qalet:

*"Il-fatt illi l-attrici, qabel ma pprezentat din ic-citazzjoni, ma kinitx hallset l-ispejjez tal-kawza li kienet cediet fid-29 ta' Jannar 1952 igib bhala konsegwenza illi din il-kawza ma setghetx issir; u l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju (Vol. I.251; XVI.i.46)"*.

12. Il-qorti ser tiddeciedi a bazi tal-aggravji li nghataw mill-appellanti.

13. Minn qari tan-nota tal-24 ta' Novembru, 2015 mhemmx dubju li l-appellanti rrinunzjat ghall-ewwel kawza. Irrispettivament issejjahx dik in-nota bhala nota ta' rinunzja jew ta' cessjoni, il-konsegwenza hi l-istess. B'dik in-nota l-ewwel kawza giet fit-tmiem taghha.

14. Mhemmx dubju li l-fatt li rrinunzjat ghall-ewwel kawza ma jfissirx li l-appellanti m'ghandhiex jedd li terga' tipproponi kawza identika (ara wkoll l-artikolu 908 tal-Kap. 12). Pero' kien mehtieg li qabel tipproponi l-kawza, thallas lill-intimata l-ispejjez tal-ewwel kawza 23/2015.

15. Hu veru li fin-nota hemm dikjarazzjoni li rrinunzja saret, *"minghajr ebda pregudizzju ghal kull dritt spettanti lill-esponenti"*. B'daqshekk l-appellanti m'akkwistat l-ebda dritt addizzjonali b'riferenza ghall-obbligu taghha li thallas l-ispejjez tal-ewwel kawza. Wara dik in-nota xorta kellha d-dritt li tipproponi kawza ohra. Pero' l-htiega tal-hlas tal-ispejjez tal-ewwel kawza qabel tipproponi t-tieni kawza m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dik id-dikjarazzjoni. Il-htiega tal-hlas qabel issir it-tieni kawza, hi mehtiega mid-disposizzjoni li fuqha t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu.

16. Mhuwiex kontestat li qabel l-appellanti pprezentat it-tieni kawza, ma hallsitx lill-appellata l-ispejjez gudizzjarji li ghamlet fir-rigward tal-ewwel kawza. F'dan ir-rigward il-ligi, f'subinciz (2) tal-artikolu 907, hi cara u m'hemmx bzonn ta' xi interpretazzjoni.

17. Ma tressqux provi li fil-mori ta' din il-kawza l-appellanti hallset l-ispejjez gudizzjarji tal-ewwel kawza jew offriet il-hlas u gie rifjutat.

18. Fl-ahharnett ir-riferenza ghad-disposizzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq, mhijiex f'postha. Il-fatt li l-appellanti kellha thallas l-ispejjez gudizzjarji tal-ewwel kawza, ma jfissirx li giet imcahhda milli jkollha smiegh xieraq. L-appellanti ghandha kull dritt li wara r-rinunzja, tipproponi kawza identika. Pero' qabel tipprezenta t-tieni kawza, kellha thallas l-ispejjez gudizzjarji tal-ewwel kawza. Ghalhekk m'huwiex minnu li l-appellanti giet imcahhda minn smiegh xieraq.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.